MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 23/2005

**Raymond Auto Dealer Ltd**

**vs**

**Philip Fenech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Is-socjeta’ mittenti qed titlob lil konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn tlieta u tmenin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm283.47) bilanc ta’ somma akbar dovuti mill-konvenut in kwantu rapprezentanti prezz ta’ karozza tat-tip Ford Escort, kulur ahmar b’numru ta’registrazzjoni GBE 137 gia R1762.

Mitlub ukoll ohallas l-imghax dovut kif ukoll l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Marzu 2004 hawn annessa u mmarkata Dok A.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Fenech (I.D. no: 2779(G))

Jecepixxi bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana illi il-bejgh tal-istess vettura bi qbil bejn iz-zewg partijiet kien gie rixiss u fil-fatt is-socjeta attrici kienet hadet il-vettura kura u din giet mibjugha lill-terzi persuni.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.”

Ha.konjizzjoni tal-provi prodotti

Ra s-sentenza tieghu preliminari tad-29 ta’ Novembru 2005 fejn cahad l-eccezzjoni ulterjuri maghmula mill-konvenut dwar in-nuqqas ta’ kompetenza tat-Tribunal *rationae valoris*;

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-konvenut akkwista karozza minghand is-socjeta’ attrici ghall-prezz ta’ LM2,560, permezz ta’ kuntratt ta’ *hire-purchase* (fol 24 u 25), li permezz tieghu, is-socjeta’ attrici zammet, permezz ta’ paragrafu 5(a), il-padrunanza ossia *ownership* tal-vettura in kwistjoni sakemm isir il-hlas tal-bilanc intier, u l-jedd li timpussessa ruha mill-gdid mill-vettura kemm-il darba ma jsirux id-debiti pagamenti rateali tal-bilanc. Fil-fatt gara li l-konvenut hallas LM135 mal-konsenja tal-vettura, izda qatt ma hallas il-bilanc. Ghalhekk in esekuzzjoni tal-jeddijiet taghha succitati, permezz ta’ skrittura Dok JZ3 (fol 27) iffirmata mill-partijiet kontendenti, il-konvenut irritorna l-karozza lis-socjeta’ attrici, bil-prezz (sic) ta’ LM2,000, jew ahjar giet stmata f’dik is-somma minhabba d-deprezzament taghha, u obbliga ruhu li kien fadallu jaghtiha LM300, minn liema somma eventwalment hallas LM63.60c.

Ghalhekk, l-eccezzjoni li l-ftehim originali gie rexxis ma tistax tregi, ghax mhux talli ma giex rexxis, imma talli gie

esegwit pjenament. It-tieni skrittura (fol 27) mhix thassir, imma twettiq tal-ftehim originali (fol 25).

Il-konvenut ma kkontestax il-provi mressqin mis-socjeta' attrici, ghajr meta kkontesta l-kapitoli. Huwa llimita ruhu li jitlob, minghajr ma kkontesta bil-gurament tieghu id-dokumenti mressqa mis-socjeta' attrici, il-hatra ta' espert kalligrafu – talba michuda minn dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut kontenuta fir-risposta tieghu ghall-avviz tat-talba, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM283.47 ammont dovut kawza tal-*hire-purchase* agreement tat-28 ta' Settembru 2001 kif esegwit permezz tal-iskrittura tal-5 ta' Jannar 2002 bl-imghax legali mill-25 ta' Marzu 2004 – data tal-ittra ufficjali – sad-data tal-eventwali hlas effetiv. Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------